

**Talbiet tar-rikorrenzi**

- tannulla d-deċiżjoni tad-29 ta' April 2011;
- konsegwentement, tiddikjara d-dritt tar-rikorrenz għall-allo-wance ta' espatrijazzjoni prevista mill-Artikolu 4 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tal-imsemmija allo-wance mis-16 ta' Awwissu 2010, id-data li fiha daħal fis-servizz ir-rikorrenz, flimkien mal-interessi kumpensatorji ta' kull xahar sakemm isir il-ħlas effettiv;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' Awwissu 2011 — ZZ vs Il-Bank Ċentrali Ewropew****(Kawża F-78/11)**

(2011/C 319/64)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

**Rikorrenz:** ZZ (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

**Konvenut:** Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Suġġett**

Annulament tad-Deċiżjoni li ttejjm il-kuntratt tar-rikorrenz minħabba proċediment dixiplinari li ġie konkluż bi twissija bil-miktub.

**Talbiet tar-rikorrenz**

Ir-rikorrenzi jitlob li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jogħġbu:

- jannulla d-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, tal-20 ta' Mejju 2011, li rċieva fit-23 ta' Mejju 2011, li ttejjm il-kuntratt tar-rikorrenz b'effett mill-31 ta' Ottubru 2011;

- jikkumpensa lir-rikorrenz għal dannu materjali mill-31 ta' Ottubru 2011;
- jikkumpensa lir-rikorrenz għal dannu morali evalwat għal EUR 10 000;
- jikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Awwissu 2011 — ZZ vs Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard****(Kawża F-80/11)**

(2011/C 319/65)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

**Rikorrenzi:** ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal u D. Abreu Caldas, avukati)

**Konvenut:** Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

**Suġġett**

L-annulament tad-deċiżjoni dwar ix-xoljiment tal-kuntratt tar-rikorrenzi għal raġunijiet dixiplinari u l-ħlas ta' somma ta' flus bħala kumpens għad-danni materjali u morali allegatament subiti.

**Talbiet tar-rikorrenzi**

- tannulla d-deċiżjoni tal-awtorità mogħtija s-setgħa li tikkonkludi l-kuntratti tal-11 ta' Ottubru 2010 li xxolji b'mod antiċipat il-kuntratt tar-rikorrenzi, b'avviż ta' temm ta' impjeg ta' xahrejn, li kien jiskadi fil-11 ta' Diċembru 2010;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kif ukoll għall-ħlas ta' somma ta' EUR 300 000 bħala kumpens għad-danni materjali u morali subiti mir-rikorrenzi.